# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2231

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2933/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Sharon Grixti**

**vs**

**Dragonara Gaming Ltd**

**dwar allegat ksur tal-artikolu 36 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illum 11 ta' Gunju 2013

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'dikjarazzjoni ta' Sharon Grixti li gietipprezentata fir-Registru fl-24 ta' Settembru 2009 tramite l-avukati Dottor Jose` Herrera u David Camilleri.

DIKJARAZZJONIJIET

Fid-Dikjarazzjoni taghha, ir-rikorrenti tghid li hija inghatat kuntratt ta' xoghol ghal zmien indefinit fuq bazi full-time fl-1 ta' Mejju 2007 mad-Dragonara Casino Barriere, biex tahdem bhala "dealer". Fil-15 ta' Marzu 2010 hija giet promossa ghal "Dealer/inspector", ghalkemm part-time ukoll. Izda imbaghad fl-2011 gie offert lilha li l-impieg taghha jinqaleb ghal full-time imma bhala "dealer" u mhux bhala "dealer/inspector". Hija twaqqfet mill-impieg, u meta talbet l-impieg lura hija giet offruta xoghol fejn il-kundizjonijiet tal-impieg relattivi kienu inqas favorevoli, u dan bi ksur ta' Artikolu 36 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar tard ir-rikorrenti tat aktar dettalji dwar il-kaz fejn spjegat kif fl-2010 l-operaturi tal-Casino ta' San Giljan kienu Dragonara Casino Ltd u kienu

infurmaw lill-impjegati li l-operazzjoni kienet ser tghaddi f'idejn kumpanija ohra imma l-impiegi kienu garantiti. Sussegwentement in-Novomatic Peninsula Consortium iffurmat il-kumpanija Dragonara Gaming Ltd li hadet it-tmexxija tal-Casino u bdew ikeccu xi impjegati. Fl-ewwel xhur baqa' kollox l-istess sa fejn kien jirrigwarda lir-rikorrenti, imma imbaghad fl-14 ta' Marzu 2011 ma hargux roster ghall-part-timers u r-rikorrenti giet infurmata li l-impieg taghha gie terminat. Tghid li f'dak ix-xahar Joanne Cortis, Lajos Benya, Ivan Di Pieri u Francesco Trigili gew promossi minn Dealers ghal Dealers/Inspectors, u gew impjegati tliet Dealers/Inspectors godda u cioe` Meszaros Balazs, Domenico Barbuzza u Adrian Davies. Imbaghad sar meeting mas-superjuri taghha li ppruvaw jikkonvincuha tiehu l-post ta' Dealer full-time, u anke offrewlha li zzomm il-paga li kellha ta' Dealer/Inspector, izda hija insistiet li zzomm il-kariga ta' Dealer/Inspector. Tghid li fl-ahhar accettaw jippruvawha bhala full-time dealer/inspector, imma kellha tistenna sakemm jerga' jinhadem roster ta' xahar iehor, u cioe` ghax-xahar ta' Mejju 2011. Meta imbaghad dahlet ghax-xoghol fl-1 ta' Mejju 2011 sabet li hija regghet tqeghdet mar-roster tad-Dealers, u marret tipprotesta dwar dan. Is-superjuri taghha qalulha li l-ftehim kien li hija tidhol bhala Dealer, imma hija cahdet. Fuq dan ma kienx hemm qbil u hija tnehhiet mir-roster. Ir-rikorrenti marret tiehu parir biex tiftah dan il-kaz. Minn wiehed mid-dokumenti esebiti jirrizulta li kien biss fit-22 ta' Settembru 2011 li r-rikorrenti giet infurmata li l-impieg taghha kien qed jigi tterminat peress li l-pozizzjoni ta' part-time Dealer/Inspector ma kinitx ghadha tezisti, u fil-waqt li kien hemm postijiet bhala full-time Dealer/Inspector, hija giet offruta full-time Dealer u rrifjutatu.

Is-socjeta` intimata rrispondiet permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Kazipprezentata fl-4 t'Ottubru 2011, u fl-ewwel lok qajmet l-eccezzjoni li r-rikorrenti ghamlet azzjoni intempestiva in kwantu l-impieg taghha gie terminat biss fit-22 ta' Settembru 2011. Is-socjeta` intimata irrikonoxxiet il-kuntratt originali tal-2007, imma ma rrikonoxxietx il-promozzjoni moghtija f'Marzu 2010 stante li s-socjeta` intimata thgid li l-kumpanija precedenti "kienet topera l-Casino b'mod differenti u sahnsitra antikwat u kienet certament tapplika standards ghal kollox

differenti mis-socjeta` esponenti."  Jinghad ukoll li r-rikorrenti inghatat promotion 3 xhur biss qabel t-tmexxija tal-Casino bidlet l-idejn; jinghad li s-socjeta` intimata intrabtet li tassumi l-impjegati kollha li kellha l-kumpanija precedenti; jinghad li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti ma kienitx ingusta izda kienet "unikament u esklussivament attribwibbli ghal redundancy ikkawzata minn ri-organizzazzjoni, ri-strutturar u ri-modernizazzjoni estensiva";  jinghad li f'dawn l-ahhar snin l-industrija tal-casinos ghamlet zviluppi kbar u s-socjeta` intimata kien jehtigilha  tadatta l-istrutturi tal-Casino in kwistjoni ghall-htigijiet tal-lum.  Jinghad ukoll li kellhom jittiehdu diversi mizuri ghal skopijiet ta' kompetittivita` fosthom li jkollha aktar haddiema full-time.  Jinghad li id-Dealers u d-Dealers/ Inspectors kollha inghatalhom impieg full-time, ad eccezzjoni ta' wahda minhabba ragunijiet umanitarji serji.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta, li nzammet fil-11 ta' Ottubru 2011 dan it-Tribunal stieden lill-partijiet jesploraw il-possibilita` ta’ ftehim bonarju, izda dan ma sehhx. Ghall-iskopijiet ta’ Artikolu 78 ta’ Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tal-provi taz-zewg nahat ħa aktar zmien minn dak stipulat.  Permezz ta' nota ipprezentata fit-30 ta' Jannar 2012, ir-rikorrenti kkjarifikat li l-azzjoni taghha hija msejsa fuq l-artikoli 36(3) tieni proviso, 38 u 75(3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u ddikjarat li ma kinitx qed titlob re-instatement – haga li wara kollox ma ntalbitx meta nfetah il-kaz.  Di piu`, fl-14 ta' Frar 2012 u fit-22 ta' Mejju 2012 ir-rikorrenti infurmat lit-Tribunal li hija ma kinitx qed tahdem, imma ma kinitx qed tiregistra ghal biex issib impieg.

Il-PROVI

Is-socjeta' intimata ressqet l-affidavit ta' Rose Borg li spjegat kif taht il-kumpanija precedenti hija kienet impjegata bhala *pit-boss*, izda mal-kumpanija l-gdida hija hadet training u saret *assistant manager*.  Tghid li r-rikorrenti

originarjament kienet waitress, imbaghad dahlet dealer imbaghad saret dealer/inspector. Tghid li bhala dealer kellha performance medja, imma bhala dealer/inspector ma kinitx tajba xejn, ghax aktar kien mohha fl-indafa u fl-ordni tal-imwejjed milli tiehu hsieb li ma jkunx hemm *cheating*. Tghid li anqas ma kienet tlahhaq ma' zewg imwejjed u ma kinitx '*sharp*'. Tghid li fit-18 ta' Dicembru 2010 sar zball quddiem wicc ir-rikorrenti izda din ma ndunatx: ghal bidu qalet li l-izball sar waqt li kienet qed thares lejn mejda ohra, imma r-registrazzjonijiet tal-camera tas-sigurta urew li l-izball sar waqt li hija kienet qed thares lejn il-mejda in kwistjoni. Meta imbaghad sar ir-ristrutturar u kulhadd kellu jaqleb *full-time*, din ix-xhud kienet fost il-persuni li assessjaw il-haddiema u kien hemm qbil li hija kellha titpogga tinghata xoghol ta' dealer. In kontroezami tghid li meta hija kienet pit-boss, ma kinitx tghaddi loghob qawwi lil Sharon, imma kienet ittih lil min ikun iktar alert. Mistoqsija jekk tul dak iz-zmien innutatx zbalji minn Sharon, ix-xhud ftakret incident meta konna ghadna bil-flus Maltin (igifieri qabel l-2008) fejn ir-rikorrenti kienet ser taghti lil klient cippa ta' Lm25 bi zball. Mistoqsija taghti iktar ezempji x-xhud regghet semmiet l-okkazjoni li kienet semmiet qabel fejn lid-dealer ma waqqfitux meta ghamel zball.

Charmaine Zammit xhedet b'affidavit fejn qalet li hija tahdem fil-Human Resources u f'Marzu 2011 iltaqghu l-Assistant Gaming Managers kollha u persuni ohra fl-amministrazzjoni fejn gew infurmati li l-haddiema kellhom jinqalbu full-time ad eccezzjoni ta' wahda li kellha tiehu hsieb tifel marid. Hija semet lill-managers jghidu li Sharon Grixti ma kinitx kompetenti fix-xoghol ta' Dealer/Inspector u allura meta kellu jsir l-istrutturar il-kumpanija kellha toffrilha xoghol full-time bhala Dealer. Peress li Sharon ma qablitx fuq dan, wiehed mill-managers, certu Schembri, offra lir-rikorrenti li tahdem ta' Dealer b'paga u kundizzjonijiet ta' xoghol ta' dealer/inspector; tghid li kien hemm qbil fuq dan u r-rikorrenti kellha tara kif ser tmur, imma meta regghet dahlet fl-1 ta' Mejju 2011 hija waqfet tahdem. Tghid li imbaghad ir-rikorrenti ma marritx xoghol aktar u l-impieg taghha gie meqjuz bhala abbandunat fit-22 ta' Lulju 2011. In kontroezami tghid li f'Marzu 2011 hija kienet infurmat lir-

rikorrenti li tnehhiet minn fuq ir-roster fuq ordnijiet minn barra minn Malta, izda kienet ser tinzamm fuq il-lista ta' haddiema ghal meta jkun hemm bzonnha.

Olympia Bartolo xhedet b'affidavit li hija Gaming Inspector fuq bazi full time sa minn zmien il-kumpanija ta' qabel. Tghid li f'Marzu 2011 beda jinghad li l-kumpanija l-gdida mhux ser izzomm aktar part-timers, imbaghad fit-28 ta' Marzu 2011 giet infurmata li r-roster kienet ghadha ma hargitx. Meta cemplet fit-30 ta' Marzu 2011 hija giet infurmata li ir-roster harget imma isimha ma kienx inkluz; cemplet lil Charmaine Zammit tal-Human Resources li qaltilha li l-part-timers kien qed jitwaqqfu mill-impieg minhabba ristrutturar. Hija spjegat lis-superjuri taghha li ma setghetx tahdem full-time u l-kumpanija ghamlet eccezzjoni maghha u hallietha tkompli tahdem part-time. Tghid li ghamlet wieqfa milli tahdem bejn is-27 ta' Marzu 2011 u t-18 ta' April 2011.

Julie Stagno xhedet b'affidavit fejn qalet li ftit taz-zmien qabel kienet saret Assistant Gaming Manager, u ftit wara, kien intqal li l-kumpanija ma kienitx ser tibqa' tahdem bil-part-timers fuq l-imwejjed 'live'. Il-managers kienu iddiskutew il-part-timers u qablu li Sharon ma kinitx tikkoncentra ruhha biz-zejjed u ma kinitx 'sharp' bizzejjed biex taghmel xoghol ta' supervizjoni. In kontroezami tghid li dealer/inspector irid ilahhaq ma zewg imwejjed jew tlieta, u Sharon ma kinitx tkun alert biz-zejjed biex taghmel dan. Tghid li tiftakar li Sharon kienet ghamlet zball xi 6 snin qabel xhedet (allura f'xi 2006) u hi marret ma' Sharon jaraw ir-recording tal-incident li ingibed mill-cameras.

Svetlana Buckova xhedet b'affidavit ukoll, u spjegat kif kienet ilha tahdem f'Casinos 10 snin u dahlet mas-socjeta` intimata f'Ottubru 2010 u wara saret agent Direttur. Kienet giet diskussa ristrutturazzjoni u instab li l-Casino jkun aktar efficjenti jekk jahdem bil-full-timers flok part-timers. Dwar Sharon kien hemm qbil li hija setghet tahdem bhala dealer, imma mhux bhala supervisor. In kontroezami spjegat li Sharon ma kellhiex dik il-kapacita` li tlahhaq ma' zewg imwejjed, u dan setghet tarah l-iktar mill-imgieba tal-istess Sharon li kienet turi

li ma kinitx kunfidenti f'dak li kienet taghmel, anke jekk ma taghmilx zbalji partikolari.
Elizabeth Rutland qalet fl-affidavit taghha li hija Assistant Gaming Manager u taqbel li Sharon ma kienitx tilhaq il-livell ta' Dealer/Inspector tajba. Tghid li Sharon imbaghad qaltilha li xtaqet tibda tahdem bhala gaming-attendant fejn xogholha jkun bhal ta' waitress, imma din qaltilha li jekk taghmel hekk kienet tkun moħlija ghax bhala dealer kienet tajba. In kontroezami spjegat li Sharon kienet tibza' meta jkollha supervision fuq zewg roulettes ghax kienet thossha ma tlahhaqx. Din ix-xhud ikkoncediet li hu normali li fl-ewwel xhur id-dealer/inspectors ma jkunux 'sharp' biz-zejjed ghaliex l-attenzjoni fuq zewg imwejjed f'daqqa jgibuha bl-esperjenza. Tghid li kiene hemm zewg part-timers ohra li kienu Olympia u Dimensa: Olympia kienet tajba imma Dimensa ma kelliex wisq esperjenza u ma kinitx tajba.

Id-direttur Pierre Zammit xhed b'affidavit fejn qal li Dr Christian Gernert kien issuggerixxa li l-*part-timers* jigu offruti xoghol *full-time* skond il-kapacita` taghhom; jghid li fil-*gaming department* kien hemm zewg *part-timers* biss. Spejga li kull mejda li "tinfetah" (jew li tibda tilqa' n-nies biex jilaghbu) ikollha dealer; ikun hemm dealer/inspector kull zewg imwejjed; imbaghad ikun hemm pit-boss u gaming manager kull hin tal-loghob. Jghid li kien prezenti meta lil Sharon infurmawha li kellha taqleb full-time dealer u tibqa' tithallas bhala dealer/inspector. Kien hemm qbil li Sharon tipprova r-roster il-gdida ghal xahar imbaghad tiehu decizjoni finali.

Ivan Scicluna xhed b'affidavit fejn spjega kif huwa kien jaf kemm lil Sharon kif ukoll lil zewgha Silvio li jahdem hemm ukoll bhala manager. Jghid li wara li kien hemm ristrutturar u ma kienx ghad hemm impieg ghal dealer/inspectors part-time, huwa ltaqa' ma' Sharon din talbitu jghina ssir Gaming Attendant, anke full-time. Huwa skoraggiha milli taghmel dan ghaliex ix-xoghol ikun simili ghal waitress, u l-paga kienet inqas. Jghid li ma jistax jifhem kif Sharon kienet tippreferi xoghol qisu ta' waitress b'paga baxxa u rrifjutat xoghol ta'

dealer li mhux biss diga' kellu paga' oghola, talli kienet ser tithallas b'paga ta' dealer/inspector.

Ir-rikorrenti ikkonfermat bil-gurament l-istatement li ghamlet fil-bidu tal-kaz. Imbaghad regghet xhedet u kkonfermat li meta kellha laqgha mat-tmexxija tal-Casino, il-ftehim provizorju kien li tahdem xahar Dealer/Inspector fuq bazi full-time, imma meta marret ghax-xoghol fl-1 ta' Mejju 2011 sabet 3 rosters ghad-Dealers, ghad-Dealer/Inspectors u ghall-Inspectors, u hi kienet fuq il-lista tad-Dealers. Tghid li ghalkemm offrewlha paga ta' Dealer/Inspector, bhala xoghol riditu wkoll, iktar u iktar la kienu gew ingaggati 7 dealer inspectors godda (4 lahqu u 3 ingiebu minn barra) f'dak il-perjodu. Tghid li fit-2 ta' Mejju 2011 avvzat lil Pierre Zammit li jekk ma jtuhiex dak kollu li kellha qabel kienet ser tiehu pariri legali, imbaghad xi hin aktar tard cemplitilha Rose Borg li qaltilha li kienu nehhewha minn fuq ir-roster tad-Dealers u li meta kien hemm bzonnha kienu ser icemplulha. Wara dan qatt ma cemplulha biex tidhol lura ghax-xoghol, imma imbaghad kellha meeting fejn giet infurmata li jekk mhux ser taccetta x-xoghol ta' Dealer kienu ser itemmulha l-impieg. In kontroezami r-rikorrenti accettat li l-kumpanija ta' qabel harget applikazzjonijiet interni ghaliex ma setghetx timpjega nies godda, u hekk hi u 7 ohra hadu promotions ghal karigi li kien hemm bzonn. Tghid li hija kienet lesta tmur tahdem bhala gaming attendant ghax dak ix-xoghol kellu inqas responsabbilta'; u hasbet li setghet tinghata dak ix-xoghol u tithallas l-istess paga li kellha. Ir-rikorrenti esebiet pagna mill-gazzetta The Times tat-2 ta' Marzu 2011fejn id-Dragonara Casino kien qed isejjah ghal applikazzjonijiet ghal dealers u croupiers kemm full-time u kemm part-time. Esebiet ittra legali mibghuta mis-socjeta` intimata tas-6 ta' Gunju 2011 fejn ir-rikorrenti giet infurmata li fuq il-gaming tables ma kienx hemm aktar haddiema part-time ghal ragunijiet ta' efficjenza, u li Sharon Grixti ma kelliex standard ta' dealer/inspector tajba u kienet tehtieg aktar training. Tghid ukoll li part-time dealers u part-time dealer/inspectors kienu redundant. Ir-rikorrenti esebiet ukoll ittra mis-socjeta` intimata tat-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti datata 22 ta' Settembru 2011, u dokument tal-ETC li jindika li l-impieg tar-rikorrenti intemm fit-22 ta' Lulju

2011: iz-zewg dokumenti jindikaw ir-redundancy bhala r-raguni. In kontro-ezami r-rikorrenti qalet li ghall-bidu kienet qed tirrifjuta l-full-time employment biex tiehu hsieb it-tifla ghaliex hadd mill-qraba taghha ma seta' jghinha; tghid li lilt al-Human Resources qaltilhom b'din il-problema. Biss bhala part-timer xorta kienet taghmel vicin l-40 siegha fil-gimgha xogho. Tispjega li jekk l-employer kien lest inizzilha grad u jhallasha xorta, allura ghaddhielha minn moħħha inizzilha gaming attendant u tithallas xorta, ghax hekk ikollha inqas responsabbilta` u strapazz.

Hija ressqet l-affidavits ta' David Gray u Stephen Thornton. David Gray ghid li hadem bhala general manager tal-Casino mill-1999 u l-2010 mal-kumpanija operatrici precedenti. Huwa jiftakar lil Sharon tidhol bhala waitress, tilhaq Dealer 2, tilhaq Dealer 1 u finalment tilhaq Dealer/Inspector. Jghid li kienu ezaminawha l-Human Resources Manager, it-Tables Operations Manager, hu nnifsu u l-psikologu Patrick Psaila li kien jaghti training ukoll. Jghid li huma kollha qablu li Sharon kellha tinghata din l-ahhar promozzjoni. Jghid li dak iz-zmien il-MIMCOL kienet qed timpedilhom milli jimpjegaw haddiema godda. Huwa esebixxa l-ittri tal-hatriet u l-kuntratt ghal zmien indefinit li kien inghata lir-rikorrenti fl-1 ta' Mejju 2007, u z-zieda fil-job-description meta saret dealer-inspector. In kontro-ezami x-xhud spjega l-kors dettaljat ghal dealer-inspector li jiehu numru ta' gimghat, u taghlim f'oqsma varji. Mistoqsi x'ghandu xi jghid mill-fatt li l-managers prezenti qalu li r-rikorrenti ma kinitx adekwata f'xogholha, ix-xhud ma kellux spjega l-aktar ghaliex kellu l-impressjoni li uhud minnhom kien ikkonsultahom dwar l-istess Sharon Grixti qabel ma taha l-promozzjoni ghal Dealer/Inspector.

Xhed Stephen Thornton permezz ta' affidavit, fejn spjega li huwa kien Tables Operations Manager bejn l-1999 u l-2010 u jiftakar lil Sharon titla' minn grad ghall-iehor sa ma saret Dealer/Inspector. Jghid li dan hu grad fejn l-impjegata taghmel kemm xoghol ta' dealer u kemm ta' inspector imbaghad meta tiehu esperjenza biz-zejjed hija tista' ssir Inspector proprja. Jghid li minhabba diffikultajiet personali r-rikorrenti kienet qalbet part-time, u allura l-ahhar grad

damet aktar minn normal biex haditu, ghaliex l-esperjenza taghmel differenza kbira. Jghid li mit-tip ta' ezami li kienet ghamlet ir-rikorrenti kien ikun hemm min jghaddi u jkun hemm min ma jghaddix: Sharon ghaddiet. In kontro-ezami dan ix-xhud jikkjarifika li certi promozzjonijiet inghataw lejn l-ahhar tal-koncessjoni b'kumbinazzjoni u mhux b'xi intenzjoni ulterjuri. Jghid li l-promotions kellhom isiru qabel, imma l-process dam ghaliex kien hemm incertezza dwar jekk id-Dragonara Casion Limited kinitx ser terga' tiehu koncessjoni biex tkompli topera l-Casino jew le. Dan ix-xhud ukoll jghid li dealer/inspector ikun mistenni li jkollu ghajnuna minn inspectors jew pit-boss peress li jkun ghadu qed jikseb l-esperjenza. Jghid li l-pit-boss mhux ser tpoggi lil dealer-inspector fuq mejda b'"heavy-gaming" ghaliex din tkun imharsa ahjar minn inspector proprja. Jekk dealer-inspector taghmel zball, l-izball ikun fuq ammonti zghar. Jghid li l-metodu tieghu kien li meta dealer-inspector tkun qed taghmel l-izbalji, ta' fuqha iridu jigbdulha l-attenzjoni sabiex jghallmuha tirranga l-performance taghha, u mhux sempliciment jghidu li mhix tajba.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal jinnota li l-azzjoni tar-rikorrenti xejn ma kienet cara, fil-bidu tas-smiegh tal-kaz, izda bil-mod il-mod hareg (u kif ahjar spjegat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha) li l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li f'Marzu 2010 hija inghatat il-grad ta' Dealer/Inspector mill-kumpanija operatrici ta' qabel; f'Gunju 2010 hija giet assunta f'dan il-grad mill-kumpanija l-gdida; f'Marzu 2011 hija tnehhiet minn fuq kwalunkwe roster, b'dan li hija fehmet li l-impieg taghha gie terminat; f'April 2011 saru diskussjonijiet u kien hemm qbil li r-rikorrenti tahdem xahar bi prova full-time; fl-1 ta' Mejju 2011 ir-rikorrenti marret biex tahdem bhala Dealer/Inspector imma inghatat xoghol ta' dealer u hadmet dik il-gurnata biss izda taht protesta; fit-2 ta' Mejju 2011 regghet ma inghatat xejn; u sussegwentement ir-rikorrenti giet infurmata li jew taccetta xoghol ta' Dealer full-time jew tigi kkonsidrata bhala redundant. Hawnhekk ir-rikorrenti fethet dan il-kaz, u sussegwentement ir-rikorrenti irceviet ittra ta'

terminazzjoni tal-impieg minhabba redundancy. Dan it-Tribunal jinnota li l-azzjonijiet tas-socjeta` intimata kienu konfuzi aktar minn hekk: qatt ma kkommettiet ruhha li tispjega x'kienet tfisser it-tnehhija ta' Sharon Grixti minn fuq ir-roster fl-ahhar ta' Marzu 2011; id-decizjoni li r-rikorrenti kienet redundant giet komunikata b'ittra f'Settembru 2011 mentri r-roster ghaliha kien ilu li tnehha minn Mejju 2011, u l-ETC giet infurmata li l-impieg kien gie terminat fit-22 ta' Lulju 2011. Is-socjeta` intimata ma tistax tippretendi lil t-tmiem ta' impieg jintrabat ma' ittra miktuba, li fl-ahhar mill-ahhar setghet ma waslet qatt: it-tmiem tal-impieg kellu jintrabat ma' meta fattwament ir-rikorrenti twaqqfet mix-xoghol. Mill-provi hareg li kien hemm 3 part-time Dealer/Inspectors: Demelsa kellha kuntratt li ghalaq, Olympia u r-rikorrenti. Jirrizulta li l-impieg ta' Olympia u ta' Sharon gie mitmum hesrem fl-ahhar ta' Marzu 2011, u dan sempliciment billi isimhom ma tpoggiex fuq roster. Il-fatt li ma ntbaghtux ittri f'dan is-sens u forsi l-ETC anqas ma giet infurmata b'dan, xorta jibqa' fatt li l-impieg ta' dawn it-tnejn gie terminat. Olympia pprotestat u l-impieg taghha rega' inghatalha, mentri r-rikorrenti giet offruta xoghol bi prova. F'dan l-istadju dan it-Tribunal irid jaghmilha cara li f'dan il-kuntest it-talba tar-rikorrenti bazata fuq Artikolu 36(3) hija proceduralment korretta, ghalhekk l-eccezzjoni tal-intempestivita` ma tregix.

Jigi notat li s-socjeta` intimata dejjem attribwiet it-tmiem tal-impieg ghal redundancy: dan jidher kemm fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impieg, kemm fid-dokument relattiv tal-ETC, kemm fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz responsive u sahansitra fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha; imma imbaghad il-parti l-kbira tal-provi migjuba mis-socjeta` intimata kienet tikkonsisti f'xhieda li kollha gew jghidu kemm ir-rikorrenti ma kinitx tajba ghal dealer/inspector. Jekk dan qed jigi trattat bhala kaz ta' redundancy, mhux spjegabbli x'relevanza kellhom dawn ix-xhieda. Huwa proprju ghaliex hemm qbil (kif anke jinghad fin-Nota tas-socjeta` intimata) li dan hu kaz ta' redundancy li dan il-kaz gie korrettement stradat fuq dak li jipprovdi Artikolu 36 subinciz (3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta s-socjeta` intimata kienet disposta timpjega lir-rikorrenti mill-gdid, imma bhala Dealer u mhux bhala Dealer Inspector.

Jibqa' ghalhekk li jigi investigat jekk hux minnu li s-socjeta` intimata ma kellhiex bzonn part-time Dealer/Inspectors, u jekk fin-negattiv kinitx obbligata toffri full-time Dealer/Inspector. Dwar jekk il-postijiet ta' part-time Dealer/Inspectors gewx redundant, dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-argument tas-socjeta` intimata li l-fatt wahdu li hadd ma gie impjegat f'dan il-grad ifisser li l-post ma kienx aktar mehtieg, kif wara kollox ifisser it-terminu 'redundant'. Dan it-Tribunal jifhem li finanzjarjament jaghmel aktar sens ghas-socjeta` intimata li jkollha haddiema full-time, imma dan ma jfissirx li dak il-grad ta' Dealer/Inspector m'ghadx hemm xoghol ghalih. Jirrizulta li dejjem baqa' htiega ghal Dealer/Inspectors; anzi r-rikorrenti tghid li meta twaqqfet mix-xoghol f'Marzu 2011 , 4 kollegi gew promossi ghal full-time Dealer/Inspectors, u dahlu 3 Dealer/Inspectors godda – haga li s-socjeta` intimata ma nnegatx. Mela ghalkemm jidher li huwa veru li ma kienx ghad hemm part-time Dealer/Inspectors[1], bhala grad kien ghad hemm bzonnu, izda l-haddiema kellhom jahdmu full-time.

Issa ghandu jigi notat li meta f'April 2011 saru d-diskussjonijiet, gie korrettement innotat li r-rikorrenti kienet qed tahdem kwazi daqs full-timer. Di fatti s-slipsipprezentati juru li f'Jannar 2011 ir-rikorrenti hadmet 152 siegha u fi Frar 2011 hadmet 144 siegha. Igifieri ghal biex tkun full-time kellha zzid ftit sieghat ohra. Jidher li l-partijiet qablu li Sharon Grixti terga' tibda tahdem din id-darba full-time, tal-inqas bi prova, u b'paga ta' Dealer/Inspector; li ma qablux fuqu l-partijiet kien jekk hija kellhiex tahdem bhala Dealer jew bhala Dealer/Inspector. Jidher li l-partjiet vermament ma fehmux lil xulxin sew fuq dan il-punt. Meta imbaghad fl-1 ta' Mejju hareg x'kellhom f'moħħhom il-partijiet, it-tnejn imxew b'mod intransigent ma' xulxin sa ma spiccaw gew quddiem dan it-Tribunal.

Dan it-Tribunal huwa konvint li s-socjeta` intimata approfittat ruhha mir-ristrutturazzjoni (fejn kellhom jitnehhew il-part-timers) biex tnizzel lir-

[1] ad eccezzjoni ta' Olympia Bartolo li kellha ragunijiet eccezzjonali

rikorrenti minn Dealer/Inspector ghal Dealer. Jekk is-socjeta` intimata kienet disposta taghti xoghol full-time lir-rikorrenti, kellha toffrilha xoghol fil-grad li kellha ta' Dealer/Inspector, jekk hemm bzonn anke a skapitu ta' wiehed jew wahda minn dawk is-sebgha li kienu ghadhom kif gew ingaggati. Dan it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li Sahron Grixti verament kienet ghadha "green" bhala Dealer/Inspector, imma din kienet haga normali ghal wahda li hadet il-kariga ftit xhur biss qabel. Ix-xhieda tas-socjeta` intimata kellhom jirrikoru ghal zball ta' 6 snin qabel biex jiggustifikaw il-kritika taghhom, u zball wiehed iehor biss li kien pjuttost recent. Anke r-rikorrenti approfittat ruħha minn din is-sitwazzjoni biex tieqaf tahdem u titlob kumpens fl-istess hin. Meta r-rikorrenti inghatat il-promozzjoni ghal Dealer/Inspector hija intrabtet li taccetta "*to perform the duties of Dealer 1 and Dealer 2 together with those contained in the job description of Inspector . . . (omissis) . . . that this job description forms part of the conditions of my appointment to Dealer/Inspector*."[2]

Dan kollu jwassal lil dan it-Tribunal jikkonkludi li teknikament is-socjeta` intimata naqset. L-intimata qeghda thallat zewg vertenzi imqajma mir-rikorrenti biex tostor in-nuqqas taghha: tghid "Illi Sharon Grixti qed tallega illi hija imissha giet offruta il-post ta' Dealer/Inspector part-time u mhux dak ta' Dealer full-time."[3] Imma r-rikorrenti mhux hekk qed tghid; qed tghid li jekk hemm possibilta' li tinghata impieg full-time dan ghandu jkun fil-grad ta' Dealer/Inspector u mhux Dealer. Is-socjeta` intimata fehmitu dan l-argument mill-bidu nett, u kien ghalhekk li ingiebu xhieda biex jghidu li r-rikorrenti ma kienitx tajba bhala Dealer/Inspector; dwar dan it-Tribunal ghandu rizervi peress li x-xhieda aktar ikkummentaw fuq ir-rikorrenti daqslikieku kellha grad ta' Inspector, u mhux ta' Dealer/Inspector. Fuq kollox is-socjeta` intimata setghet facilment halliet lir-rikorrenti fil-grad ta' Dealer/Inspector u assenjatilha xoghol skond il-job-description citata hawn fuq, imma jidher li s-socjeta` attrici ippreferiet it-triq tad-*demotion* u qaltilha biex taghzel bejn dealer jew xejn.

[2] Job Description iffirmat mir-rikorrenti fil-15 ta' Marzu 2010
[3] Nota ta' sottomissjonijiet pagna 5.

Dan l-agir imur kontra l-ligi tal-impiegi u ghalhekk is-socjeta` intimata ghandha tikkumpensa lir-rikorrenti. Hawnhekk nergghu immorru ghan-nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti: fl-ewwel lok ir-rikorrenti qabdet mal-isem tal-grad li inghatalha fl-1 ta' Mejju 2011; veru ma kellhiex titqieghed fil-grad ta' Dealer, imma hija xorta kienet obbligata taghmel xoghol ta' Dealer; fit-tieni lok hija hadet pozizzjoni drastika li jew tissejjah "Dealer/Inspector" jew xejn. Ghandu jinghad li jew il-bon sens ma rebahx, jew ir-rikorrenti sabet okkazjoni tajba biex tieqaf mix-xoghol – haga li jidher li xtaqet taghmel, tant li sa sena wara hija ma kinitx qed tfittex xoghol alternattiv. Dawn il-fatturi huma naturalment krucjali ghal kwantifikazzjoni tal-kumpens dovut. It-Tribunal qed iqis ukoll li ghalkemm is-socjeta` intimata tghid li kien hemm redundancy, lir-rikorrenti la taghtha "notice" u l-anqas il-hlas relattiv.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jiddikjara li wara li l-impieg tar-rikorrenti twaqqaf f'Marzu 2011, is-socjeta` intimata kienet immedjatament f'pozizzjoni li toffri impieg lir-rikorrenti fil-grad ta' full-time Dealer/Inspector, imma m'ghamlitux bi ksur ta' Artikolu 36(3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk is-socjeta` intimata qed tigi ordnata thallas lir-rikorrenti kumpens ta’ elfejn u sitt mitt Euro (€2,600.00) sa zmien tletin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00).

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman